The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday, 6th September, 2023.

ERU3108U23 – Medicinal
ERU3108U23A
ERU3108U23 – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Il-5 ta' Settembru, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 7 ta' Settembru, 2023.

ERU0109U23 – Medicinal
ERU0109U23 – Devices
ERU0109U23A
ERU0109U23B
ERU0109U23C

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Il-5 ta' Settembru, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement and Supplies) Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 26 ta' Settembru, 2023. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 009-4102/23. Provvista ta' 'key management system'

CFT 021-4103/23. Provvista ta' 'Levothyroxine tablets'

CFT 020-4104/23. Provvista ta' 'NAAT for Chlamydia Trachomatis/Neisseria Gonorrhoeae'

CFT 021-4105/23. Provvista ta' 'Mianserin 30mg tablets'

CFT 021-4106/23. Provvista ta' 'Foscarnet 24mg/ml IV infusion'

CFT 019-4107/23. Provvista ta' uniformijiet għal 'emergency ambulance responders' għall-Isptar Mater Dei u GGH b'impatt ambjentali ridott

CFT 021-4108/23. Provvista ta' 'long-acting muscarinic receptor antagonists (LAMAs)

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

5th September, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 7th September, 2023.

ERU0109U23 – Medicinal
ERU0109U23 – Devices
ERU0109U23A
ERU0109U23B
ERU0109U23C

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU Website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

5th September, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. on Tuesday, 26th September, 2023. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt), for:

CFT 009-4102/23. Provision of a key management system

CFT 021-4103/23. Supply of Levothyroxine tablets

CFT 020-4104/23. Supply of NAAT for Chlamydia Trachomatis/ Neisseria Gonorrhoeae

CFT 021-4105/23. Supply of Mianserin 30mg tablets

CFT 021-4106/23. Supply of Foscarnet 24mg/ml IV infusion

CFT 019-4107/23. Supply of Uniforms for Emergency ambulance responders for Mater Dei Hospital and GGH with a reduced environmental impact

CFT 021-4108/23. Supply of long-acting muscarinic receptor antagonists (LAMAs)

CFT 009-4109/23. Provvista ta' 'bicycle and scooter cabinets'

CFT 021-4110/23. Provvista ta' 'Dantrolene sodium 20mg powder għal solution for injection'

CFT 021-4111/23. Provvista ta' 'Fluphenazine Decanoate 25mg/mL and 100mg/ml injections'

CFT 020-4112/23. 'Remote monitoring to connect to medtronic pacemakers/ICD or CRT-D'

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Il-5 ta' Settembru, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing u Supplies Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu sottomissjonijiet elettroniċi għal Preliminary Market Consultation (PMC) rigward l-avviż li ġej sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 6 ta' Ottubru, 2023.

PMC Ref. Nru. 011-6506/23 – (CPSU 1568/23). Provvista għall-użu ta' kumpaniji tat-trasport għal attivitajiet fuq barra li jagħmlu 'environmental health officers'.

Dokumenti tal-Preliminary Market Consultation jinkisbu mingħajr ħlas u l-informazzjoni għandha tintbagħat BISS online fuq (www.etenders.gov.mt).

Il-5 ta' Settembru, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

B'referenza għall-offerta elettronika 'CFT 020-4078/23. Consumables for Rexton hearing aids' u 'CFT 020-4079/23. ear mould for hearing aids' ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa, 29 ta' Awwissu, 2023, id-data tal-għeluq ġiet estiża għat-Tlieta, 26 ta' Settembru, 2023.

Il-5 ta' Settembru, 2023

CFT 009-4109/23. Provision of bicycle and scooter cabinets

CFT 021-4110/23. Supply of Dantrolene sodium 20mg powder for solution for injection

CFT 021-4111/23. Supply of Fluphenazine Decanoate 25mg/mL and 100mg/ml injections

CFT 020-4112/23. Remote monitoring to connect to medtronic pacemakers/ICD or CRT-D

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

5th September, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that:

Electronic submission of information for Preliminary Market Consultation (PMC) in respect of the following notice will be received up to 10.00 a.m. of Monday, 6th October, 2023.

PMC Ref. No. 011-6506/23 – (CPSU 1568/23). Provision of the use of transport companies for outdoor duties carried out by environmental health officers.

Preliminary Market Consultation documents are available free of charge and information is to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt).

5th September, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

With reference to the electronic tender CFT 020-4078/23. Consumables for Rexton hearing aids and CFT 020-4079/23. ear mould for hearing aids, published in the Government Gazette of Tuesday, 29th August, 2023, the closing date will be extended till Tuesday, 26th September, 2023.

5th September, 2023

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1720

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fis-6 ta' Ġunju, 2023, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 201/2023DC, li ġie ppreżentat fit-18 ta' April, 2023, fl-ismijiet: Zammit Rita vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-liġi. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimati, inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-28 ta' Settembru, 2023, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Casha Joseph, 11, Triq Giovanni Barbara, Il-Ħamrun

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Awwissu, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree issued by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction, on the 6th June, 2023, in the acts of Constitutional Application numru 201/2023DC, which was presented on 18th April, 2023, in the names: Zammit Rita vs the State Advocate et, the following publication was ordered, in accordance with Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Condemn the State Advocate to pay the same compensation and liquidated damages in terms of law. With costs and legal interest against the respondents who are now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Constitutional Application in the names mentioned above is postponed to 28th September, 2023, at 9.30 a.m.

Notification Respondent: Casha Joseph. 11, Triq Giovanni Barbara, Ħamrun

Register of the Superior Courts, today 21st August, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1721

Permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Lulju, 2023, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Raymond Bezzina et vs Emmanuel Laudi, Rikors numru 306/2023JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Emmanuel Laudi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Raymond Bezzina (KI 340058M) u Anna Bezzina (KI 645558M) vs Emmanuel Laudi (KI 556148M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-30 ta' Mejju, 2023, ir-rikorrenti Raymond Bezzina (KI 340058M) u Anna Bezzina (KI 645558M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Iwettaq it-test tal-mezzi tal-intimat, ai termini tal-Artikolu 12B(3)(c) tal-Kap. 158 u jiddetermina jekk l-istess intimat jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi;

2. F'każ li dan il-Bord isib li l-intimat ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi:

a. Ixolji l-kirja favur l-intimat tal-fond ossija l-appartament numru 1 fil-first floor level ta' blokk bin-numru 87, Triq il-Vitorja, L-Isla,

By means of a decree of the 31st July, 2023 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Raymond Bezzina et vs Emmanuel Laudi, Application number 306/2023JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Emmanuel Laudi in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Raymond Bezzina (ID 340058M) and Anna Bezzina (ID 645558M) vs Emmanuel Laudi (ID 556148M) filed before the Rent Regulation Board, on the 30th May, 2023, the applicant Raymond Bezzina (ID 340058M) and Anna Bezzina (ID 645558M) requested this Honourable Board to:

1. Carry out the means test of the respondent, in terms of Article 12B(3)(c) of Cap. 158 and determine whether the same respondent meets the criteria of the means test for income and capital:

2. In the event that this Board finds that the respondent does not meet the criteria of the means test for income and capital:

a. Dissolve the lease in favour of the respondent of the premises that is appartment number 1, of the first floor level of block 87, Triq il-Vitorja, senglea,

b. Jagħti żmien perentorju lill-intimat, li ma jkunx iżjed minn sentejn sabiex jivvaka minn dan il-fond u jirrilaxxah battal u f'kundizzjoni tajba favur l-esponenti,

c. Jistabbilixxi l-kera pagabbli mill-intimat lill-esponenti għall-okkupazzjoni ta' dan il-fond matul l-imsemmi perjodu;

3. F'każ li dan il-Bord isib li l-intimat jissodisfa l-kriterji tad-dħul u l-kapital tat-test tal-mezzi jirrevedi l-kera pagabbli mill-intimat għar-rigward tal-imsemmi fond ossija l-appartament numru 1 fil-first floor level ta' blokk bin-numru 87, Triq il-Vitorja, L-Isla, għall-ammont ta' 2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond imsemmi fil-1 ta' Jannar, 2023, u jikkundanna lill-intimat sabiex jħallas lill-esponent il-kera hekk riveduta, bl-istess skadenzi kurrenti jew b'modalitajiet differenti li dan il-Bord jista' jistabbilixxi fid-diskrezzjoni tiegħu, u dan mid-data tal-iskadenza li jmiss 'il quddiem.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li jibqa' inġunt minn issa għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni oħra kompetenti lill-esponenti inkluż għad-danni u għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali u konvenzjonali tiegħu, jekk ikun il-każ.

Rikorrenti: 31, Triq George Stevens, Il-Fgura

Intimat: Flat 1, 87, Triq il-Vitorja, L-Isla
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Raymond Bezzina et vs Emmanuel Laudi, Rikors numru 306/2023JG, jinsab differit għall-20 ta' Ottubru, 2023, fil-11.20 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

b. Give respondent a period of time, not exceeding two years to vacate the premises and release its vacant possession in good condition in favour of the applicant,

c. establish the rent payable by the respondent to the applicant for the occupation of the premises during the said period;

3. In the event that this Board finds that the respondent meets the criteria of the means tests for income and capital, revise the rent payable by the respondent regarding the premises that is the appartment number 1, in the first floor level of block 87, Triq il-Vitorja, Senglea, to an amount of up to 2% per annum of the free and open market value of the premises on the 1st January, 2023, and condemn the respondent to pay the applicant the revised rent, with the same current installments or in different ways as this Board might establish at its discretion and this from the date of the next installment forward.

With costs against the respondent who is hereby summoned so that a reference to her oath be made and reserving any other competent action by the plaintiff including for damages and for breach of his fundamental and constitutional rights, if the case may be.

Applicant: 31, Triq George Stevens, Fgura

respondent: Flat 1, 87, Triq il-Vitorja, Senglea
Housing Authority

The application in the names Raymond Bezzina et vs Emmanuel Laudi, Application number 306/2023JG, has been postponed for hearing to the 20th October, 2023, at 11.20 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 30th August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1722

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-23 ta' Mejju, 2023, fl-atti tar-Rikors tal-Appell numru 851/2018 fl-ismijiet Herbert (KI 341172M) u Karen (KI 94373M) konjuġi Scerri vs Pierre Agius (KI 62789M) u Nikita Taliana (KI 266289M) u b'digriet tal-5 ta' Novembru, 2018, ġew kjamati in kawża Jesmond Falzon u Rita Falzon, il-qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni fil-konfront tal-imsemmija rikorrenti appellati kollha a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi permezz tar-Rikors tal-Appell numru 851/2018 Pierre Agius u Nikita Taliana ippreżentaw fit-12 ta' April, 2023, dan l-appell kontra s-sentenza tal-Prim'Awla tal-

By means of a decree given by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) on the 23rd May, 2023, in the records of the Appeal application number 851/2018 in the names Herbert (ID 341172M) and Karen (ID 94373M) spouses Scerri vs Pierre Agius (ID 62789M) and Nikita Taliana (ID 266289M) and by decree of the 5th November, 2018, Jesmond Falzon and Rita Falzon were called into the suit, the court ordered the following publication against all the said respondent plaintiffs in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whereas by means of the Appeal Application number 851/2018 Pierre Agius and Nikita Taliana filed on the 12th April 2023 this appeal against the judgment of the First Hall

Qorti Ċivili tal-14 ta' Marzu, 2023, fl-ismijiet premessi u ssollevaw erba' aggravji, ċjoè: 1) l-ewwel qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-eċċezzjonijiet tal-appellanti li wassal għal kunsiderazzjonijiet żbaljati u konsegwentement deċiżjoni inġusta; 2) kien hemm apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-provi kwantu illi l-Ewwel Qorti qieset illi kienu l-appellati li waqqgħu il-ħajt inkwistjoni; 3) kien hemm apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-provi kwantu illi l-Ewwel Qorti qieset li l-appellati ma aġixxewx in bona fede; u 4) kien hemm apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-provi kwantu illi l-Ewwel Qorti lliberat u eżentat lill-kjamati.

Għaldaqstant, l-appellanti umilment jitolbu li l-Onorabbli Qorti tal-Appell tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-deċiżjoni tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet 'Herbet Scerri et v Pierre Agius et' tal-14 ta' Marzu, 2023, u minflok tgħaddi sabiex tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellanti u tiċħad it-talbiet tal-appellati fl-intjier tagħhom, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

Notifika: Herbert u Karen konjuġi Scerri, 7, Triq Antonio Micallef, Ħ'Attard
Jesmond Falzon, 32, John Paul, Triq l-Isfraġel, Ħ'Attard
Rita Falzon, 80, Joyce, Triq San Luqa, Gwardamanġa

Reġistru tal-Qorti tal-Appell (Superjuri), illum 31 August, 2023

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of the Civil Court delivered on the 14th March, 2023, in the names mentioned above and raised four grievances, namely: 1) the First Court made an erroneous appreciation of the appellants' pleas which led to erroneous considerations and consequently an unfair decision; 2) there was a wrong appreciation of the facts and evidence in so far as the Court of First Instance considered that it was the respondents who demolished the wall in question; 3) there was a wrong appreciation of the facts and evidence in so far as the Court of First Instance considered that the respondents did not act in good faith and 4) there was a wrong appreciation of the facts and evidence in so far as the Court of First Instance non suited and exempted the joined in suit.

Thus, the appellants humbly request that the Honourable Court of Appeal annuls, revokes and cancels the decision of the Honourable First Hall of the Civil Court in the names 'Herbet Scerri et v Pierre Agius et' delivered on the 14th March 2023, and instead proceeds to uphold all the appellants' pleas and dismiss the demands of the appealed respondents in their entirety, with all the costs of both instances against the respondents.

Notification: Herbert u Karen spouses Scerri, 7, Triq Antonio Micallef, Ħ'Attard
Jesmond Falzon, 32, John Paul, Triq l-Isfraġel, Ħ'Attard
Rita Falzon, 80, Joyce, Triq San Luqa, Gwardamanġa

Registry of the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 31 August, 2023

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1723

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Awwissu, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat (Revoka) numru 419/23GM, fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 312/23MH, li ġie ppreżentat fil-21 ta' April, 2023, fl-ismijiet: Chelsea Alexandra Dott. et vs Spiteri Dwayne et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna lill-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju inkwistjoni għandu jiġi revokat. Bl-ispejjeż kontra Chelsea Alexandra Dott. u Cucciardi Owen.

Notifika Intimat: Chelsea Alexandra Dott. u Cucciardi Owen, 104, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Awwissu, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on the 3rd August, 2023, in the acts of the Sworn Application (Revocation) number 419/23GM, in the Acts of the Garnishee Order number 312/23MH, which was presented on the 21st April, 2023, in the names: Chelsea Alexandra Dott. et vs Spiteri Dwayne et, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Order that the precautionary Garnishee Order in question be revoked. With costs against Chelsea Alexandra Dott. and Cucciardi Owen.

Notification Respondent: Chelsea Alexandra Dott. and Cucciardi Owen, 104, Triq San Pawl, St Paul's Bay

Register of the Superior Courts, today, 23rd August, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1724

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Ottubru, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 691/2019MH, li ġie ppreżentat fid-19 ta' Lulju, 2019, fl-ismijiet: Bernard Nichola noe vs Tonna Marcus et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimati jħallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kollha kontra l-intimati, inġunt għas-subizzjoni.

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on the 14th October, 2022, in the acts of the Sworn Application number 691/2019MH, which was presented on the 19th July, 2019, in the names: Bernard Nichola noe vs Tonna Marcus et, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Condemn the respondents to pay the damages thus liquidated to the applicant. With all costs and interest against the respondents, who are now summoned so that a reference to their evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-27 ta' Novembru, 2023, fid-9.00 a.m.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 27th November, 2023, at 9.00 a.m.

Notifika Intimati: Tonna Marcus u Tonna Julia, 63C, Flat 1, Triq Birkirkara, San Ġiljan

Notification Respondent: Tonna Marcus and Tonna Julia. 63C, Flat 1, Triq Birkirkara, St Julian's

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Awwissu, 2023

Registry of the Superior Courts, today 23rd August, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1725

B'digriet mogħti fil-25 ta' Awwissu, 2023, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja) fuq rikors numru 1456/2023 ippreżentat minn Carmel Scicluna et fejn fih ġie ordnat il-ftuħ u l-pubblikazzjoni tat-testment sigriet ta' Charles Micallef (KI 0012154M), ġuvni, bin il-mejtin Louis Micallef u Josephine Micallef née Debattista, imwieled il-Furjana, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fl-20 ta' Mejju, 2023, ta' 69 sena.

By means of a decree given on the 25th of August, 2023 by The Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on an application number 1456/2023 filed by Carmel Scicluna et, wherein it has been ordered the opening and publication of the secret will of Charles Micallef (ID 0012154M), bachelor, son of the late Louis Micallef and Josephine Micallef née Debattista, born in Furjana, Malta and died in Msida, Malta, on the 20th of May, 2023, aged 69 years.

Il-ftuħ u l-pubblikazzjoni ta' dan it-testment se jsir nhar il-Ħamis, 28 ta' Settembru, 2023, fit-tmienja u nofs ta' filgħodu (8.30 a.m.) fl-Awla 17, il-Qorti, Il-Belt Valletta, taħt il-ministeru tan-Nutar Joseph Debono.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżidizzjoni Volontarja)

The opening and publication are going to be held on Thursday, 28th of September, 2023, at half past eight in the morning (8.30 a.m.) in Hall 17, at the Law Courts, Valletta, under the ministry of Notary Joseph Debono.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Illum 31 ta' Awwissu, 2023

Today the 31st of August, 2023

BRITTANY-ANN VELLA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

BRITTANY-ANN VELLA
For The Registrar Civil Courts and Tribunals

1726

B'digriet mogħti fil-25 ta' Awwissu, 2023, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja) fuq rikors numru 1214/2023 ippreżentat minn Vincent Tabone fejn fih ġie ordnat il-ftuħ u l-pubblikazzjoni tat-testment sigriet ta' Paul Mifsud (KI 429351M), ġuvni, bin il-mejtin Anthony

By means of a decree given on the 25th of August, 2023, by The Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on an application number 1214/2023 filed by Vincent Tabone, wherein it has been ordered the opening and publication of the secret will of Paul Mifsud (ID 429351M), bachelor,

Mifsud u Carmela Mifsud née Farrugia, imwieled Ħal Tarxien, Malta, u miet Ħaż-Żabbar, Malta, fl-10 ta' Jannar, 2023, ta' 71 sena.

Il-ftuħ u l-pubblikazzjoni ta' dan it-testment se jsir nhar il-Ħamis, 28 ta' Settembru, 2023, fit-tmienja u nofs ta' filgħodu (8.30 a.m.) fl-Awla 17, il-Qorti, Il-Belt Valletta, taħt il-ministeru tan-Nutar Sandra Bugeja.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja)

Illum 31 ta' Awwissu, 2023

BRITTANY-ANN VELLA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

son of the late Anthony Mifsud and Carmela Mifsud née Farrugia, born in Ħal Tarxien, Malta and died in Ħaż-Żabbar, Malta, on the 10th of January, 2023, aged 71 years.

The opening and publication are going to be held on Thursday, 28th of September, 2023, at half past eight in the morning (8.30 a.m.) in Hall 17, at the Law Courts, Valletta, under the ministry of Notary Sandra Bugeja.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today the 31st of August, 2023

BRITTANY-ANN VELLA
For The Registrar Civil Courts and Tribunals

1727

B'diġriet tal-24 ta' Awwissu, 2023, mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Monica Fenech Scicluna (KI 0024575M) u Josianne Mallia (KI 0064670M) fit-18 ta' Jannar, 2023, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' erbatax-il elf, tmien mija u sebgħin ewro u sebgħin ċenteżmu (€14,870.70) li ġew depożitati permezz ta' ċedola numru 153/2021 fl-ismijiet:

In-Nutar Dott. Daniel John Bugeja (KI 448586M) vs Kat Kit Fong (KI 0153398A), Ka Yinh Fong (KI 208803A), Monica Fenech Scicluna (KI 0024575M) u Josianne Mallia (KI 0064670M).

Il-Qorti ordnat in-notifika lil kull min għandu interess b'għaxart (10) ijiem għat-tweġiba.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-Erbgħa, 30 ta' Awwissu, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 24th August, 2023, given by the First Hall of the Civil Courts ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Monica Fenech Scicluna (I.D 0024575M) and Josianne Mallia (ID 0064670M) on the 18th January, 2023, is asking for the withdrawal of the amount of fourteen thousand, eight hundred and seventy euros and seventy cents (€14,870.70) deposited by the Schedule of Deposit number 153/2021 in the names of:

Notary Doctor Daniel John Bugeja (ID 448586M) vs Kat Kit Fong (ID 0153398A), Ka Yinh Fong (ID 208803A), Monica Fenech Scicluna (ID 0024575M) and Josianne Mallia (ID 0064670M).

The court ordered the notification to anyone who shall have interest with ten (10) days to reply.

Registry of the Superior Courts, today Wednesday, 30th August, 2023

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

1728

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-29 ta' Awwissu, 2023, u dan wara Rikors b'numru 853/2023, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku:

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 29th August, 2023, and upon an application numbered 853/2023, ordered:

To the Director of the Public Registry:

1. Li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att taż-Żwieġ numru 507/1976 biex kull fejn jidher il-kunjom 'Scerri sive Xerri' dan jiġi sostitwit bil-kunjom 'Scerri' biss b'dan li din il-korrezzjoni tiġi estiża wkoll għal kunjom il-mara Yvonne Scerri née Debono.

2. Li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid numru 5960/1977 ta' Walter Scerri biex kull fejn jidher il-kunjom 'Scerri konwn as Xerri' dan jiġi sostitwit bil-kunjom 'Scerri' biss, b'dan li apparti għal kunjom tal-missier Felix Scerri u l-omm Yvonne Scerri, din il-korrezzjoni tiġi estiża wkoll għal kunjom li ħa l-wild Walter Scerri.

3. Li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att taż-Żwieġ numru 2237/2009 ta' Walter Scerri u Alexandra Scerri Harney, b'dan li kull fejn jidher il-kunjom 'Scerri known as Xerri' dan jiġi sostitwit bil-kunjom 'Scerri' biss b'dan li din il-korrezzjoni tiġi estiża wkoll għal kunjom ta' Felix Scerri bħala l-missier u Yvonne Scerri bħala l-omm kif ukoll għal kunjom tal-mara Alexandra li ħadet wara ż-żwieġ.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis 31 t'a Awwissu, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

1. To make the appropriate annotations or corrections in the Act of Marriage number 507/1976 so that wherever the surname 'Scerri sive Xerri' appears it is replaced by the surname 'Scerri' only, this correction is also extended to the woman's surname Yvonne Scerri née Debono.

2. To make the appropriate annotations or corrections in the Act of Birth number 5960/1977 of Walter Scerri so that wherever the surname 'Scerri known as Xerri' appears it is replaced by the surname 'Scerri' only, and also apart from the surname of the father Felix Scerri and the mother Yvonne Scerri, this correction is also extended to the surname taken by the child, Walter Scerri.

3. To make the appropriate annotations or corrections in the Act of Marriage number 2237/2009 of Walter Scerri and Alexandra Scerri Harney, whereby wherever the surname 'Scerri known as Xerri' appears it will be replaced by the surname 'Scerri' only, this correction is also extended to the surname of Felix Scerri as the father and Yvonne Scerri as the mother as well as to the surname of the wife Alexandra which was taken after the marriage.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday 31st August, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1729

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-29 ta' Awwissu, 2023, u dan wara Rikors b'numru 618/2023, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid numru 129/2023, biex jitneħħa it-tieni kunjom 'Valino' minn kunjom il-minuri Santiago Axeitos Mannarelli biex il-kunjom jiġi jaqra biss 'Axeitos Mannarelli'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis 31 ta' Awwissu, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 29th August, 2023, and upon an application numbered 618/2023, ordered:

To the Director of the Public Registry to make the appropriate annotations or corrections in the Act of Birth number 129/2023, to remove the second surname 'Valino' from the surname of the minor Santiago Axeitos Mannarelli so that the surname reads only 'Axeitos Mannarelli'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday 31st August, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1730

ARB/C036/2023 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-21 ta' Awwissu, 2023, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti

ARB/C036/2023 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 21st August, 2023, given by the Court of Magistrates (Malta) as

Struttorja (il-Maġistrat Dott. Yana Micallef Stafrace, LLD). Kumpilazzjoni Numru 641/2023, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ANDREW MARTIN JONES, ta' 55 sena, iben John Jones u l-mejta Path Jones xebba Algie, imwieled Bristol, ir-Renju Unit, fis-6 ta' Marzu, 1968, u residenti ġewwa 118, Rosemary Road, Parkstone, Poole, Dorset, BH12 3HE, ir-Renju Unit u/jew Apt. 15, Mellieħa Bay Apartments, Triq il-Marfa, l-Għadira, Il-Mellieħa, u detentur ta' passaport Ingliż bin-numru 132733949.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' ANDREW MARTIN JONES u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum l-1 ta' Settembru, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Yana Micallef Stafrace, LLD). Compilation Number 641/2023, in the case:

The Republic of Malta

Versus

ANDREW MARTIN JONES, 55 years, son of John Jones and the late Path Jones née Algie, born in Bristol, United Kingdom, on the 6th March, 1968, and residing at 118, Rosemary Road, Parkstone, Poole, Dorset, BH12 3HE, United Kingdom and/or Apt. 15, Mellieħa Bay Apartments, Triq il-Marfa, Għadira, Mellieħa, and holder of British passport bearing number 132733949.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to ANDREW MARTIN JONES and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta as made applicable by Article 23A(2) of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 5 and Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 1st September, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1731

ARB/C006/2021 – VARJAZZJONI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-23 ta' Awwissu, 2023, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 88/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

ARB/C006/2021 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 23rd August, 2023, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 88/2021, in the case:

The Republic of Malta

Kontra

SUNDAY IKECHUKWU EBOH;

COLLINS EGUAVOEN;

ALEXANDRA PACE, diżokkupata, ta' 59 sena, bint Francis Galea u Rebecca Galea xebba Frendo, imwielda l-Isla, Malta, fis-6 ta' Diċembru, 1963, residenti ġewwa Whitestar, Triq Brittanja, Paola, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 48664M.

MARVIS IYEKE;

U

TONY OGBONNA ANUFORO.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputata ALEXANDRA PACE sabiex tirtira kwalunkwe ċekkijiet tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali maħruġa favuriha mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Doreen Clarke, LLD) fit-8 ta' Frar, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-15 ta' Frar, 2021, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma propjetà ta' Sunday Ikechukwu Eboh, Collins Eguavoen, ALEXANDRA PACE, Marvis Iyeke, u Tony Ogbonna Anuforo.

Illum 4 ta' Settembru, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Versus

SUNDAY IKECHUKWU EBOH;

COLLINS EGUAVOEN;

ALEXANDRA PACE, unemployed, 59 years, daughter of Francis Galea and Rebecca Galea née Frendo, born in Isla, Malta, on the 6th December, 1963, residing at Whitestar, Triq Brittanja, Paola and holder of Maltese identity card bearing number 48664M.

MARVIS IYEKE;

AND

TONY OGBONNA ANUFORO.

The Court AUTHORISED the accused ALEXANDRA PACE to withdraw any social security benefits cheques issued in her favour by the Department of Social Security.

This variation is being published in terms of Article 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Doreen Clarke, LLD) on the 8th February, 2021 which was published in the Government Gazette on the 15th February, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Sunday Ikechukwu Eboh, Collins Eguavoen, ALEXANDRA PACE, Marvis Iyeke, and Tony Ogbonna Anuforo.

Today 4th September, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1732

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Ġunju, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1174/2023, fl-ismijiet Emanuel Vella et vs Jeffrey Attard et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 15 ta' Marzu, 2023

Lil Jeffrey Attard (KI 428673M) ta' 1, Lara Buildings, Flat 3, Triq Ġużeppi Calleja, L-Iklin
Lara Investments Limited (C2441) ta' 1, Lara Buildings, Flat 3, Triq Ġużeppi Calleja, L-Iklin

By means of a decree of the 9th June, 2023, in the records of the judicial letter number 1174/2023, in the names Emanuel Vella et vs Jeffrey Attard et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 15th March, 2023

To Jeffrey Attard (ID 428673M) of 1, Lara Buildings, Flat 3, Triq Ġużeppi Calleja, Iklin
Lara Investments Limited (C2441) of 1, Lara Buildings, Flat 3, Triq Ġużeppi Calleja, Iklin

Lara Developments Limited (C 42868) ta' 1, Lara Buildings, Flat 3, Triq Ġużeppi Calleja, L-Iklin

Charter Properties Limited (C-69311) ta' 1, Lara Buildings, Flat 3, Triq Ġużeppi Calleja, L-Iklin

Bil-preżenti Emanuel Vella (KI 548052M) u Agnes Vella 9KI 111456M) ta' St Anthony Farmhouse, Triq Ta' Manduca, Is-Siġġiewi, filwaqt li jagħmlu referenza għall-kambjala datata 17 ta' Awwissu, 2020, fejn intom kollha flimkien u in solidum obbligajtu ruħkom li tħallsu lill-mittenti s-somma ta' €55,000 bl-imgħaxijiet bit-8% mid-data tal-maturità tal-istess kambjala, javżawk li l-imsemmija kambjala mmaturat fil-15 ta' Settembru, 2020, u konsegwentement jinterpellawk sabiex immedjatament u mhux aktar tard minn jumejn mid-data tan-notifika, tħallsu lill-mittenti s-somma ta' €55,000 bl-imgħaxijiet ta' 8% mill-15 ta' Settembru, 2020, sad-data tal-ħlas effettiv.

Din l-ittra uffiċjali qed issir sabiex id-dejn fuq imsemmi fil-kambjala tas-17 ta' Awwissu, 2020, li mmaturat fil-15 ta' Settembru, 2020, jigi reż eżekuttiv kontra tagħkom skont l-artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-nuqqas ta' ħlas sħiħ u immedjat, il-mittenti se jesegwixxu kontra tagħkom it-titolu eżekuttiv tagħhom skont il-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet skont il-liġi sad-data tal-ħlas effettiv.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Settembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Lara Developments Limited (C 42868) of 1, Lara Buildings, Flat 3, Triq Ġużeppi Calleja, Iklin

Charter Properties Limited (C-69311) of 1, Lara Buildings, Flat 3, Triq Ġużeppi Calleja, Iklin

By means of this present, Emanuel Vella (ID 548052M) and Agnes Vella (ID 1114561M) of St Anthony Farmhouse, Triq Ta' Manduca, Siġġiewi, whilst making reference to the bill of exchange dated 17th August, 2020, whereby you all together and in solidum bound yourself to pay the interpellant the sum of €55,000 with interest at 8% from the date of maturity of the same bill of exchange, warns you that the said bill of exchange matured on the 15th September, 2020, and consequently solicits you so that immediately and not later than two days from the date of service, you pay the interpellant the sum of €55,000 with 8% interest from the 15th September, 2020, till the date of effective payment.

This judicial letter is being made so that the debt above mentioned in the bill of exchange of the 17th August, 2020, which matured on the 15th September, 2020, is rendered executable against you according to Articles 253 (e) and 256 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In default of full and immediate payment, the interpellants shall execute against you their executive title according to law.

With costs and interests according to law till the date of effective payment.

Registry of the Superior Courts, today 1st September 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1733

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' April, 2023, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3261/2022, fl-ismijiet L-Awtorità tad-Djar vs Carmen Micallef, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 2 ta' Awwissu 2022

Lil Carmen Micallef (KI 328075M) ta' 13A, Triq Ružar Formosa, Il-Gudja

Permezz tal-preżenti l-Awtorità tad-Djar ta' 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, tirreferi għall-fond numru 18, Block 4, Flat 1, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta. Dan il-fond

By means of a decree of the 13th April, 2023, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 3261/2022, in the names Housing Authority vs Carmen Micallef, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 2nd August 2022

To Carmen Micallef (KI 328075M) ta' 13A, Triq Ružar Formosa, Gudja

By the present Housing Authority of 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, refers to the premises number 18, Block 4, Flat 1, Triq il-Punent, Valletta. This premises is property

hu proprjetà tal-mittenti u inti qed tokkupa l-fond mingħajr titolu validu fil-liġi.

Għaldaqstant, ai termini tal-artikolu 9 sub artikolu 1, Artikolu 10 u l-artikoli sussegwenti tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta inti qed tiġi ordnata tiżgombra mill-fond 18, Block 4, Flat 1, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta fi żmien 30 ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali u dan għaliex inti:

1. Qiegħda tokkupa l-fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

2. M'intix qiegħda tabita fil-propjeta u/jew m'intix qiegħda tuża l-proprjetà;

3. M'intix qiegħda tuża l-post skont kif miftiehem fil-kuntratt iffirmat minnek datat 26 ta' Settembru, 2008;

4. Biddilt id-destinazzjoni tal-proprjetà anke minħabba non uso;

5. Inqast milli tħares il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' kera u l-obbligi naxxenti mill-liġi u nqast ukoll milli tħares klawsola 12 tal-kuntratt iffirmat minnek datat 26 ta' Settembru, 2008;

6. Bqajt tokkupa l-fond wara li ġie terminat il-kuntratt ta' kera.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat ai termini tal-artikolu 9 u artikoli sussegwenti tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta – Att Dwar l-Artijiet tal-Gvern.

Tant sabiex tagħraf timxi

Bl-ispejjeż u bl-interessi

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum l-1 ta' Settembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

of the interpellant and you are occupying the said premises without any valid title at law.

Thus, in terms of Article 9 sub Article 1, Article 10 and the subsequent articles of Cap. 573 of the Laws of Malta you are being ordered to vacate the premises 18, Block 4, Flat 1, Triq il-Punent, Valletta within 30 days from the service of this judicial letter and this because you:

1. Are occupying the property without any valid title at law;

2. Are not residing in the property and/or you are not using the property;

3. Are not using the premises as agreed in the contract signed by you dated 26th September, 2008;

4.Have changed the destination of the property also due to non uso;

5. Failed to comply with the conditions of the lease contract and the obligations resulting from the law and also failed to comply with clause 12 of the contract signed by you dated 26th September, 2008;

6. continued to occupy the premises after the lease contract was terminated.

This judicial letter is being sent in terms of Article 9 and subsequent articles of Cap. 573 of the Laws of Malta – Government Lands Act.

So much so that you know how to proceed

With costs and interest

Registry of the Superior Courts, today 1st September, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1734

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-20 ta' Ġunju, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1686/2023, fl-ismijiet Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma vs Jack Cator, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Jack Cator a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Jack Cator (KI 136447A) ta' 1, Villa Alreve, Triq Cafcaf, il-Madliena, Is-Swieqi SWQ 1110, fid-29 ta' Mejju, 2023, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u

By means of a decree of the 20th June, 2023, delivered by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1686/2023 in the names Regulator for Energy and Water Services vs Jack Cator, it was ordered that the following publication serves as service on the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Jack Cator (ID 136447A) of 1, Villa Alreve, Triq Cafcaf, Madliena, Swieqi SWQ 1110, on the 29th May, 2023, the Regulator for Energy and Water

l-Ilma ta' Zentrum Business Centre, Level 1, Triq l-Imdina, Ħal Qormi, jagħmel riferenza għall-ħażna tal-Liquefied Petroleum Gas (LPG) li tinsab fil-fond 1, Villa Alreve, Triq Ċafċaf, il-Madliena, Is-Swieqi, u li qiegħda tiġi operata mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa taħt ir-Regolamenti dwar is-suq tal-Gass Petroleum Likwefatt (L.S.545.20) u dan bi ksur tar-regolament 6(1)(e) tagħhom.

Illi in vista ta' dak li ġie premess ir-Regolatur qiegħed jinterpella lill-intimat sabiex fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika ta' din l-ittra jissottometti mar-Regolatur mittenti applikazzjoni valida u kompluta biex l-istess intimat jikseb awtorizzazzjoni li permezz tagħha jkun jista' jopera faċilità sekondarja tal-ħżin tal-LPG.

Illi inoltre, ir-Regolatur qiegħed jinterpella lill-intimat biex jiddessisti milli jwettaq kull attività f'dak li għandu x'jaqsam mal-operazzjoni ta' faċilità sekondarja tal-ħżin tal-LPG li tinsab fil-fond 1, Villa Alreve, Triq Ċafċaf, il-Madliena, Is-Swieqi.

Illi fin-nuqqas li l-intimat jottempera ruħu u li ma jirregolax ruħu fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika ta' din l-ittra, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma qiegħed jimponi fuq l-intimat multa amministrattiva ai termini tal-Artikolu 12(2) tal-Kap. 545 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ammont ta' tmint elef ewro (€8000).

Tant sabiex l-intimat ikun avżat u biex jagħraf jirregola ruħu.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum l-1 ta' Settembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Notification Respondent: Paragon Ltd, 295B, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta

Registry of the Superior Courts, today 24th August, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1743

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-28 ta' Awwissu, 2023, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 12 ta' Diċembru, 2023 fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11:30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Flat internament immarkat bin-numru tnejn (2), fit-tieni livell mit-triq (second floor level) fiblokka bin-numru uffiċjali mija erbgħa u ħamsin (154) ġja mija disgħa u sittin (169) bl-isem Etray ġewwa Triq Kent, Il-Fgura, sovrastanti maisonette ta' terzi u sottosanti proprjetà ta' terzi, flimkien mas-sehem indiviż tal-partijiet komuni kollha inkluż l-entrata, it-taraġ u s-sistema tad-drenaġġ, kif suġġett għad-dritt perpetwu u mhux interott ta' aċċess għal bejt għal manutenzjoni ta' tank tal-ilma u aerial tat-televixin, liema flat huwa suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' sbatax-il ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€17.47), mill-bqija liberu u frank, ħieles u vakanti minn kull pussess ieħor u jgawdi minn drittijiet u obbligi ta' servitù skont il-pożizzjoni tiegħu, kif deskritt fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone tal-erbatax ta' April, elfejn u tmienja (14.4.2008) u stmat li jiswa mitejn u għaxart elef ewro (€210,000).

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 28th August, 2023, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Tuesday, 12th December, 2023 at half past eleven in the morning (11:30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

Flat internally marked numbered two (2), situated on the second floor level in a block officially marked number one hundred and fifty four (154) formerly one hundred and sixty nine (169) named Etray in Triq Kent, Fgura, overlying a maisonette belonging to third parties and underlying third party property, together with an undivided part of all the common parts including the entrance, stairs and drainage system as subject to the perpetual and uninterrupted right of access to the roof for the maintenance of a water tank and a television aerial and is subject to seventeen point forty seven euro (€17.47) annual and perpetual groundrent, otherwise free and unencumbered, with free and vacant possession, and is subject to and enjoys all such servitudes arising from its position, as described in the acts of Notary Joseph Tabone dated fourteenth April, two thousand and eight (14.4.2008) and is valued at two hundred and ten thousand euro (€210,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Dimech Darren (KI 575977M) u Dimech Mireille (KI 384983M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 6/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said tenement is the property of Dimech Darren (ID 575977M) and Dimech Mireille (ID 384983M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 6/2022.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 1st September, 2023

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1744

Permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Ġunju 2023, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors guramentat fl-ismijiet Sarah Azzopardi vs Luke Silvio, Rikors Ġuramentat numru 41/2023JPG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Luke Silvio a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Rikors Ġuramentat numru 41/2023JPG fl-ismijiet Sarah Azzopardi (KI 110297M) vs Luke Silvio (KI 209795M), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fis-7 ta' Marzu, 2023, ir-rikorrenti Sarah Azzopardi (KI 110297M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna illi l-awtorità tal-ġenitur fir-rigward tal-minuri … omissis … li twieldet fit-28 ta' Ottubru, 2015, tiġi vestita unikament fil-persuna ta' omm il-minuri u ċjoè r-rikorrenti;

2. Tikkonferma l-kura u l-kustodja tal-minuri … omissis … bħala vestita esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, b'dan illi kwalsijasi deċiżżjoni rigwardanti saħħa, edukazzjoni, reliġġjon, trobbija, safar tal-minuri, u b'mod ġenerali kull deċiċjoni oħra rigwardanti l-minuri għandha tittieħed mir-rikorrenti waħeda mingħajr il-bżonn tal-awtorizzazzjoni u, jew il-kunsens tal-konvenut, u dan fl-aħjar interess tal-imsemmija minuri;

3. Tordna illi r-residenza tal-minuri tkun esklussivament mal-omm, ir-rikorrenti;

4. Tordna u tikkundanna lill-konvenut iħallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata għall-ħtigiet tal-imsemmi minuri … omissis … u dan fis-somma li tiġi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti, liema somma għandha tiżdied minn dik patwita bejn il-partijiet sabiex tkun tinkludi fiha sehem il-konvenut mill-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet ekstrakurrikulari tal-istess minuri;

5. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tapplika għall-passaport relattiv tal-minuri mingħajr il-kunsens, awtorizazzjoni jew il-firma tal-konvenut;

By means of a decree of the 1st June 2023 of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Sarah Azzopardi vs Luke Silvio, Application number 41/2023JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Luke Silvio in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a Sworn Application number 41/2023JPG in the names Sarah Azzopardi (ID 110297M) vs Luke Silvio (ID 209795M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 7th March, 2023, the applicant Sarah Azzopardi (ID 110297M) requested this Honourable Court to:

1. Order that the authority of the parent as regards the minor … omissis … born on the 28th October 2015 be vested solely in the minor's mother and namely the applicant;

2. Confirm the care and custody of the minor … omissis … as vested exclusively in the applicant, in such a manner that any decision regarding health, education, religion, upbringing, travel of the minor, and in general any other decision regarding the minor should be taken by the applicant alone without the néed of authorisation and, or consent of the defendant, and this in the best interest of the said minor;

3. Order that the residence of the minor be exclusively with the mother, the applicant;

4. Order and condemn the defendant to pay the applicant that adequate maintenance for the néeds of the said minor … omissis … and this in the sum to be established by this Honourable Court, which sum should be added to that agreed between the parties in order to include in it the defendant's share of the costs of health, education and extra-curricular activities of the same minor;

5. Authorise the applicant to apply for the relative passport of the minor without the consent, authorisation or signature of the defendant;

6. Tikkonferma li r-rikorrenti tipproċedi b'dawk l-applikazzjonijiet tal-minuri għall-iskola mingħajr il-kunsens, awtorizzazjoni jew firma tal-missier;

7. Tordna illi kwalunkwe dritt ta' aċċess tal-konvenut għall-minuri jkun sospiż b'dan illi kemm-il darba l-konvenut juri r-rieda li jerġa' jidħol f'ħajjet il-minuri għandu jiftaħ il-proċeduri opportuni sabiex id-dritt tal-aċċess jiġi regolat skont il-benessere tal-minuri.

U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fiċ-ċirkustanzi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li hu minn issa inġunt in subizzjoni.

Rikorrenti: The Podium, Block Q, Flat 2, Spring, Triq Michael Debono, Ħaż-Żebbuġ

Intimat: 38, Flat 2, Sqaq it-Torri, Bormla

Ir-rikors fl-ismijiet Sarah Azzopardi vs Luke Silvio, Rikors numru 41/2023JPG, jinsab differit għall-5 ta' Ottubru, 2023, fil-11.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 25 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

6. Confirm that the applicant proceeds with those applications of the minor for school without the consent, authorisation or signature of the father;

7. Order that any right of access of the defendant to the minor be suspended in such a manner that should the defendant show willingness to re-enter the minor's life he should file the opportune procedures so that the right of access is regulated according to the well-being of the minor.

And this under all those provisions that this Honourable Court deems fit and opportune to impose in the circumstances.

With costs against the defendant who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: The Podium, Block Q, Flat 2, Spring, Triq Michael Debono, Ħaż-Żebbuġ

Respondent: 38, Flat 2, Sqaq it-Torri, Cospicua

The Application in the names Sarah Azzopardi vs Luke Silvio, Application number 41/2023JPG, has been postponed for hearing to the 5th October, 2023, at 11.15 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 25th August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1745

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Lulju, 2023, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors ġuramentat fl-ismijiet Alicia Galea vs Joseph Sciberras, Rikors Ġuramentat numru 125/2023AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joseph Sciberras a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Rikors Ġuramentat numru 125/2023AL fl-ismijiet Alicia Galea (KI 0049277M) vs Joseph Sciberras (KI 0351976M), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fil-15 ta' Mejju, 2023, ir-rikorrenti Alicia Galea (KI 0049277M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Illi a tenur ta' dak depost fl-Artikolu 61 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara illi dak miftiehem bejn il-kontendenti fil-kuntratt tas-separazzjoni tagħhom dwar il-kura, kustodja, setgħa tal-ġenitur u aċċess tal-minuri mhuwiex fl-interess tal-minuri illi jibqa' fis-seħħ, u tħassar u tannulla fl-interess tal-imsemmi minuri dak kollu miftiehem mill-kontendenti fuq daqshekk;

By means of a decree of the 5th July, 2023, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Alicia Galea vs Joseph Sciberras, Application number 125/2023AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Joseph Sciberras in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a Sworn Application number 125/2023 AL in the names Alicia Galea (ID 0049277M) vs Joseph Sciberras (ID 0351976M)), filed in the Civil Court (Family Section), on the 15th May, 2023, the applicant Alicia Galea (ID 0049277M) requested this Honourable Court to:

1. Declare, in terms of that laid down in Article 61 of Cap. 16 of the Laws of Malta, that what was agreed between the parties in the deed of their separation regarding the care, custody, parental power and access of the minor is no longer in the best interest of the minor, and accordingly it cancels and anulls in the best interest of the said minor what was agreed by the parties above;

2. Prevja dikjarazzjoni illi l-komportament u dispożizzjoni erratika, vjolenti u aggressiv tal-konvenut ukoll meta jkun taħt l-influwenza tax-xorb, huwa tali illi mhuwiex fl-interess tat-tifla minuri … omissis … li l-kura u l-kustodja tagħha tkun fdata l-kontendenti flimkien kif maħsub fl-atti tal-kuntratt datat it-3 ta' Mejju tas-sena, 2016, iżda jkun fl-interess tagħha illi l-istess kura u kustodja tiġi fdata lill-attriċi ommha, tordna u tiddikjara illi l-kura u kustodja tal-imsemmija minuri … omissis … tkun fdata biss fl-istess attriċi;

3. Tordna illi tenut kont il-komportament u dispożizzjoni erratika, vjolenti u aggressiv tal-konvenut ukoll meta jkun taħt l-influwenza tax-xorb u tenut kont l-aqwa interess tal-imsemmija minuri … omissis …, l-attriċi ommha jkollha l-eżerċizzju tal-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri ad esklużjoni tal-konvenut skont kif maħsub fl-artikolu 154 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Tiffissa ġranet u ħinijiet għall-aċċess tal-konvenut għall-imsemmija minuri … omissis … fi granet u ħinijiet u taħt dawk il-kundizzjonijiet illi jiġu magħżula mill-Qorti, inkluż jekk il-Qorti tara fl-aħjar interess tal-minuri illi l-aċċess jigi eżerċitat taħt superviżjoni, ukoll wara s-smigħ akkurat tal-minuri u għalfejn qiegħda tirreżisti l-kuntatt ma' missierha, b'mod illi l-aċċess hekk iffissat ikun ukoll jirrispetta x-xewqat leġittimi tal-minuri, kemm-il darba dawn ikunu fl-interess suprem tagħha.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inkluż dawk inkorsi fil-proċeduri ta' medjazzjoni, li jibqa' minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 44, Uteki, Triq A. Darcel, In-Naxxar

Intimat: 74, San Anton Court, Triq il-Papa Ġwanni XXIII, Birkirkara BKR 1033

Ir-rikors fl-ismijiet Alicia Galea vs Joseph Sciberras, Rikors numru 125/2023AL, jinsab differit għat-8 ta' Novembru, 2023, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 25 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Subject to a declaration that the erratic, violent and aggressive behaviour and state of the defendant even when he is under the influence of alcohol, is such that it is not in the interest of the minor daughter … omissis … that her care and custody be entrusted to the parties together as envisaged in the records of the contract dated 3rd May of the year, 2016, but it is in her interest that the same care and custody be entrusted to the plaintiff her mother, and accordingly order and declare that the care and custody of the said minor … omissis … be entrusted only in the same plaintiff;

3. Order that bearing in mind the erratic, violent and aggressive behaviour and state of the defendant even when he is under the influence of alcohol and keeping in view the best interest of the said minor … omissis …, the plaintiff her mother shall have the right to exercise all of the rights of the parents to the exclusion of the defendant as provided in Article 154 et sequitur of Cap. 16 of the Laws of Malta;

4. Fix days and times for the access of the defendant to the said minor … omissis … on days and times and under those conditions to be chosen by the Court, including if the Court deems it to be in the best interest of the minor that the access is allowed under supervision, even after the careful hearing of the minor to understand the reason why she is resisting contact with her father, in such a way that the access thus fixed would also respect the legitimate wishes of the minor, provided that they are in her overriding interest.

With costs against the defendant, including those incurred during the mediation proceedings, who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Applicant: 44, Uteki, Triq A. Darcel, Naxxar

respondent: 74, San Anton Court, Triq il-Papa Ġwanni XXIII, Birkirkara BKR 1033

The Application in the names Alicia Galea vs Joseph Sciberras, Application number 125/2023AL, has been postponed for hearing to the 8th November, 2023, at 9.15 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 25th August, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1746

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Banns for the Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Magistrates' Court (Gozo)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-17 ta' Awwissu, 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fis-17 ta' Awwissu, 2023, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati li jirċievu l-ħlas taċ-ċens tal-porzjon art hawn taħt deskritta fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 195/2023 fl-ismijiet Angelo Muscat et vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati li jirċievu l-ħlas taċ-ċens tal-porzjon art hawn taħt deskritta, ippreżentata fid-24 ta' Lulju, 2023, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola ta' depożitu hija porzjon art magħrufa bħala 'Tal-Qortin' sive 'Tal-Imsaqfiet' fil-limiti tan-Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka tliet mija u erbgħa u tletin metru kwadru (334m.k.) jew kejl verjuri, konfinanti mix-Xlokk ma' Triq il-Qorti, mil-Lbiċ ma' beni tas-suċċessuri fit-titolu ta' Anthony Portelli, u mill-Grigal ma' beni tas-suċċessuri fit-titolu ta' Pawlu Portelli, jew irjieħ aktar korretti, murija aħjar markata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta u site-plan annessa u maċ-ċedola u markata 'A', liema art hija suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħames ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€5.59c) li, kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) skont il-liġi, jammonta għal mija u ħdax-il ewro u tmenin ċenteżmu (€111.80c).

Illi l-esponenti jrid jipprevalixxi ruħu mill-fakultà mogħtija lilu mill-artikolu 1501 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili, u jifdi dan iċ-ċens skont il-liġi.

Illum huma dovuti wkoll l-aħħar ħames skadenzi taċ-ċens li jammontaw għal sebgħa u għoxrin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€27.95).

Għaldaqstant, l-esponenti jadixxi bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti u jiddepożita taħt l-awtorità tagħha favur l-intimat nomine s-somma komplessiva ta' mija u disgħa u tletin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€139.75c), liema depożitu jirrappreżenta in kwantu għas-somma ta' €27.95c il-ħlas tal-aħħar ħames skadenzi taċ-ċens u s-somma ta' €111.80c il-fidwa taċ-ċens annwu u perpetwu, liema depożitu jkun jista' jiġi liberament żbankat minn min għandu jedd għalih skont il-liġi wara li tiġi mħollija debita riċevuta.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għal daqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem

It is hereby notified that by a decree given on the 17th of August, 2023, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below and this in terms of article 931 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure.

By a decree given on the 17th of August, 2023, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the unknown person or persons entitled to receive the payment of the ground rent of the portion of land herein described in the acts of schedule of deposit bearing number 195/2023 in names Angelo Muscat et vs Deputy Curators to represent the unknown person or persons entitled to receive the ground rent payment of the portion of land described below, filed on the 24th of July, 2023, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

The immovable object of this schedule of deposit is a portion of land known as 'Tal-Qortin' sive 'Tal-Msaqfiet' within the limits of Nadur, Gozo, measuring approximately three hundred and thirty-four square meters (334m2) or more correct measurements, bordering on the south-east with Triq il-Kortin, on the south-west with the property of the successors in the title of Anthony Portelli, and on the north-east with the property of the successors in the title of Paul Portelli, or more correct boundaries, as better shown marked in red on the plan and site-plan attached to the schedule of deposit and marked "A", which land is subject to the annual and perpetual ground rent of five euro and fifty-nine cents (€5.59c), which capitalized at the rate of five percent (5%) according to the law, amounts to one hundred and eleven euro and eighty cents (€111.80c).

That the applicants want to avail themselves of the faculty accorded to them by article 1501 et sequitur of the Civil Code, and redeem this ground rent according to law.

The last five ground rent payments are also due, amounting to twenty-seven euro and ninety-five cents (€27.95).

Accordingly, the applicants are referring with respect to this Honourable Court and are depositing under its authority in favour of the respondent nomine the total sum of one hundred and thirty-nine euros and seventy-five cents (€139.75c), which deposit represents as to the sum of €27.95c the payment of the last five ground rent arrears, and the sum of €111.80c being the redemption of the annual and perpetual ground rent, which deposit may be freely withdrawn by whoever is entitled according to the law on condition that due receipt is tendered accordingly.

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and hereby summon everyone who wants to enter as a curator to appear within a period of

f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Simone Grech BA, LLD Mag. Jur. (Eur. Law), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 17 ta' Awwissu, 2023

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

six (6) days in this Registry and make a note declaring that he so wishes.

You are also ordered to inform each and everyone that they do not make this declaration within the time stated above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of Magistrate Dr Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), Magistrate of the aforementioned Court.

Today the 17th of August, 2023

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1747

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-23 ta' Awwissu, 2023, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 25 ta' Jannar, 2024, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta. tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-maisonette immarkata bin-numru tnejn (2) bl-isem 'Edel' formanti parti minn blokk ta' bini bl-isem 'GDS Buildings' fi Triq il-Wied, L-Imsida li tinsab fit-tieni sular (second floor level) li tinsab fuq showroom fil-livell tal-pjan terran flimkien ma' maisonette fil-livell tal-ewwel sular. Il-blokk imsemmi jikkonfina mit-Tramuntana ma' Triq il-Wied, mill-Punent ma' proprjetà tal-eredi ta' George Debattista u mil-Lvant ma' proprjetà tal-eredi ta' Orlando Debono. L-aċċess għall-proprjetà huwa permezz ta' taraġ estern komuni mill-imsemmija triq. Il-proprjetà għandha dritt tal-użu tat-taraġ ta' barra li jwassal għal fuq il-bejt kif ukoll bid-dritt tal-użu perpetwu tan-nofs indiviż tal-bejt, u suġġetta u tgawdi s-servitujiet attivi u passivi li jirriżultaw skont il-pożizzjoni tiegħu. Dan il-fond igawdi minn servitù ta' bitħa interna u bitħa ta' wara permezz ta' twieqi. L-arja kif ukoll il-washroom ta' fuq il-bejt huma proprjetà ta' terzi. Is-sidien tal-arja ta' fuq il-bejt għandhom dritt li jibnu sulari ulterjuri fuq l-arja ta' fuq il-bejt u li jestendu t-taraġ u s-servizzi għal fuq il-bejt il-ġdid. Il-maisonette huwa liberu u frank u stmat li jiswa mija disgħa u tletin elf ewro (€139,000).

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 23rd August, 2023, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Thursday, 25th January, 2024, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The maisonette marked number two (2) named 'Edel' forming part of a block of building named 'GDS Buildings' in Triq il-Wied, Msida situated on the second floor level situated on the showroom on the groundfloor level together with the maisonette on the first floor level. The said block is bounded from North with Triq il-Wied, West with property of George Debattista successors and East with property of Orlando Debono successors. The maisonette access is from a common outdoor stairs from the said street. The property has the right of usage of the outdoor stairs leading to the roof, as well as the right of perpetual use of the undivided half of the roof and is subject to and enjoys active and passive servitudes resulting according to its position. The said property enjoys servitude of internal yard and backyard through windows. The airspace as well as the washroom on the roof are third party property. The owners of the roof airspace have the right to develop further floors above the roof area and to extend the stairs and the services to the new roof. The maisonette is free and unencumbered and is valued at one hundred and thirty nine thousand euro (€139,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Tanti John (KI 375982M) u Sammut Odette (KI 319189M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 44/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said tenement is the property of Tanti John (ID 375982M) and Sammut Odette (ID 319189M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 44/2021.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 1st September, 2023

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1748

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-31 ta' Awwissu, 2023, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 6 ta' Frar, 2024, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-fond bl-isem 'La Cucina di Bettina' Restaurant, bin-numru uffiċjali ħamsa (5), fi Triq Congreve, Il-Qrendi, fil-limiti taż-Żurrieq, li jikkonsisti mill-pjan terran u mill-pjan ta' taħt l-art, bl-arja tal-proprjetà li tinsab fuq il-kċina, fuq in-naħa li taffaċċja Triq il-Madonna tar-Rużarju hija inkluża mal-proprjetà, liberu u frank, bid-drittijet u l-pertinenzi kollha tiegħu, ħieles minn kull dritt, bħalissa mikri lil terzi skont ftehim datat għoxrin ta' Frar, elfejn, wieħed u għoxrin (20.2.2021) u bil-kirja tiskadi fl-ewwel ta' Ottubru, elfejn tmienja u għoxrin (1.10.2028) u stmat li jiswa mitejn u ħamsa u sittin elf ewro (€265,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Ta' Bettina & Co. (P1209).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 64/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 31st August, 2023, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Tuesday, 6th February, 2024, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The tenement named 'La Cucina di Bettina' Restaurant, officially numbered five (5), in Triq Congreve, Qrendi, limits of Żurrieq, consisting from the groundfloor level and underground level, with the airspace situated over the kitchen on the side facing Triq il-Madonna tar-Ruzarju is included with the property, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, free from any rights, currently leased to third parties according to agreement dated twentieth February, two thousand and twenty one (20.2.2021) and with the lease expiring on the first October, two thousand and twenty eight (1.10.2028) and is valued at two hundred and sixty five thousand euro (€265,000).

The said tenement is the property of Ta' Bettina & Co. (P1209).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 64/2019.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 1st September, 2023

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1749

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Lulju, 2023, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Mark Alan Micallef vs Sharon Martina Micallef Rikors numru 365/2023AGV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Sharon Martina Micallef a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 14th July, 2023, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Mark Alan Micallef vs Sharon Martina Micallef, Application number 365/2023AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Sharon Martina Micallef in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Mark Alan Micallef (KI 0373800L) vs Sharon Martina Micallef (KI 118316L), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fis-27 ta' Ġunju, 2023, ir-rikorrenti Mark Alan Micallef (KI 0373800L) talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bill-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi debitament registrat fir-Reġistru Pubbliku u dan taħt kull provediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rikorrenti: 15, Triq Nathalie Poutiatin Tabone, Tas-Sliema

Intimata: 15, Triq Nathalie Poutiatin Tabone, Tas-Sliema

Ir-rikors fl-ismijiet Mark Alan Micallef vs Sharon Martina Micallef, Rikors numru 365/2023AGV, jinsab differit għas-27 ta' Settembru, 2023, fid-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum l-1 ta' Settembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application in the names Mark Alan Micallef (ID 0373800L) vs Sharon Martina Micallef (ID 1183316L), filed in the Civil Court (Family Section), on the 27th June, 2023, the applicant Mark Alan Micallef (ID 0373800L) requested this Honourable Court to:

1. Pronounce the dissolution of the marriage between the parties;

2. Order the Registrar of Courts so that within the time given by this same Honourable Court, he notifies the Director Public Registry about the dissolution of marriage between the parties so that this will be duly registered in the Public Registry and this under any other provisions that this Honourable Court deems fit and opportune.

Applicant: 15, Triq Nathalie Poutiatin Tabone, Tas-Sliema

Respondent: 15, Triq Nathalie Poutiatin Tabone, Tas-Sliema

The Application in the names Mark Alan Micallef vs Sharon Martina Micallef, Application number 365/2023AGV, has been postponed for hearing to the 27th September, 2023, at 9.45 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 1st September, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1750

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-29 ta' Awwissu, 2023, u dan wara Rikors b'numru 828/2023, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att taż-Żwieġ ta' Diana Terpougoff numru 1303/1983 u fl-Att tal-Mewt ta' żewġha Danilo, Ivan, Marie, Florent Terpougoff numru 1935/2023 biex il-kunjom 'Terpougov' kull fejn jidher jitħassar u jiġi sostitwit bil-kunjom korrett 'Terpougoff'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjonit tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 29th August, 2023, and upon an application numbered 828/2023, ordered:

To the Director of the Public Registry to make the appropriate annotations or corrections in the Act of Marriage of Diana Terpougoff number 1303/1983 and in the Act of Death of her husband Danilo, Ivan, Marie, Florent Terpougoff number 1935/ 2023 to delete the surname 'Terpougov' wherever it appears and replace it with the correct surname 'Terpougoff'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Friday, 1st September, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1751

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-29 ta' Awwissu, 2023, u dan wara Rikors b'numru 851/2023, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li meta jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid ta' Paul Michael Dawson fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni biex ikun jidher li kunjomu għandu jidher bhala 'Dawson' u mhux 'Farrugia' u għalhekk fil-kolonni relattivi tal-Att tat-Twelid jitniżżel il-kunjom 'Dawson', okkorrendo b'annotazzjoni li l-kunjom ġie mibdul b''deedpoll' ġewwa r-Renju Unit.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjonit tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 29th August, 2023, and upon an application numbered 851/2023, ordered:

To the Director of the Public Registry, who when he comes to register the Act of Birth of Paul Michael Dawson in the Public Registry of Malta, make the appropriate annotations or corrections, so that his surname should appear as 'Dawson' and not 'Farrugia' and therefore in the relative columns of the Act of Birth, the surname 'Dawson' is written down, by means of an annotation that the surname has been replaced by 'deed poll' in the United Kingdom.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Friday, 1st September, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1752

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-29 ta' Awwissu, 2023, u dan wara Rikors b'numru 852/2023, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid numru 2413/2005 biex kull fejn jidher l-isem 'Be Jay', fil-kolonni intestati 'Ismijiet mogħtija' u dik 'Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjaħ' dan jiġi sostitwit bl-isem korrett 'Ben'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis, 31 ta' Awwissu, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjonit tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 29th August, 2023, and upon an application numbered 852/2023, ordered:

To the Director of the Public Registry to make the appropriate annotations or corrections in the Act of Birth number 2413/2005 so that wherever the name 'Be Jay' appears, in the columns headed 'Names given' and that 'Name or Names by which the child is to be called' this is replaced by the correct name 'Ben'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday, 31st August, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1753

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-17 ta' Lulju, 2023, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 11 ta' Jannar, 2024, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-fond mingħajr isem u bin-numru uffiċjali mitejn u dsatax (219), qabel magħruf bin-numru mitejn u tlieta u

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 17th July, 2023, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 11th January, 2024, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The tenement without name and officially numbered two hundred and nineteen (219) previously numbered two

erbgħin (243), aċċessibbli mill-bieb prinċipali fil-livell tat-triq, fi Triq il-Kbira, il-Mosta, imqassam fuq tliet sulari, b'parti mill-fond parzjalment sottopost minn proprjetà ta' terzi fil-livell terran, bl-arja inkluża u bil-pertinenzi kollha tiegħu, liberu u ħieles, u suġġett għal dawk is-servitujiet naxxenti b'mod naturali mill-pożizzjoni tiegħu parzjalment sovrastanti għal proprjetajiet ta' terzi fis-sular terran li jinkludu wkoll il-mogħdija ta' katusi u servizzi li jservu l-proprjetà sottostanti mill-bitħa interna li tifforma parti mill-fond u s-sistema tad-drenaġġ li hija komuni ma' terzi. Il-fond igawdi wkoll dritt ta' użu ta' shaft li hija kontigwa mal-fond u liema shaft tappartjeni għal terzi u fil-livell tal-ewwel u t-tieni sular għandu twieqi fuq in-naħa ta' wara li jħarsu fuq bitħa ta' terzi fil-pjan terran, jinkludi sehem indiviż tal-ħitan tal-appoġġ, flimkien mal-proprjetajiet adjaċenti kif ukoll sehem indiviż tas-saqaf tal-fond sottostanti (li jappartjeni lil terzi) li jokkupa parti mis-sular terran, konfinanti mil-Lvant, il-Punent u t-Tramuntana ma' proprjetà ta' terzi u min-Nofsinhar ma' Triq il-Kbira fejn għandu l-faċċata mat-triq, u dan kif deskritt fl-att tan-Nutar Annalisa Caruana tas-sitta ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (6.8.2008) u stmat li jiswa ħames mija u tletin elf ewro (€530,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Marcel Philip Ellis (KI 372293M) u Wannapha Ellis (KI 42749A u detentriċi tal-passaport bin-numru N 768290) u b'digriet tat-23 ta' Frar, 2021, u tat-22 ta' Ġunju, 2021, ġew maħtura PL Gillian Muscat u Dott. Mario Caruana bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 42/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, l-1 ta' Settembru, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

hundred and forty three (243), accessible from the main door on ground floor level, in Triq il-Kbira, Mosta, on three floors, with part of the tenement underlies third party property on ground floor level, including its airspace, and with all its appurtenances, free and unencumbered, and as subject to the servitudes naturally resulting from its position partially overlying third party property on groundfloor level which includes also the drainage and services drains that serves the underlying property from the internal yard which forms part of the tenement and the common drainage system. The tenement also enjoys the right to use the shaft which is contiguous to the tenement and which shaft belongs to third parties and on the backside of the first and second floor level has windows overlooking the yard of the third parties on the ground floor level, including the undivided share of the boundary walls, together with the adjacent properties as well as the undivided share of the ceiling of the underlying tenement (that belongs to third parties) which occupies part of the groundfloor level, bounded from the east, west and north with third party property and from the south with Triq il-Kbira, where it has the facade onto the street, and this as described in the acts of Notary Annalisa Caruana of the sixth of June, of the year two thousand and eight (06.08.2008) and is valued at five hundred and thirty thousand euro (€530,000).

The said tenement is the property of Marcel Philip Ellis (ID 372293M) and Wannapha Ellis (ID 42749A and holder of passport number N 768290) and by decree of the 23rd February, 2021, and of the 22nd June, 2021, LP Gillian Muscat and Dr Mario Caruana were appointed as deputy curator to represent the absent.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 42/2022.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 1st September, 2023

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1754

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Lulju, 2023, mill-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Ilona Borg Carbott et vs Patrick Camilleri, Rikors numru 8/2023SG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Patrick Camilleri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Illona mart Vincent Borg Carbott (KI 354449M) u Olivia armla minn Joseph Brincat (KI 576945) vs Patrick Camilleri (KI 134365M), ippreżentat fil-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba', fit-8 ta' Mejju,

By means of a decree of the 4th July, 2023, of the Rural Leases Control Board, in the records of the Application in the names Illona Borg Carbott et vs Patrick Camilleri, Application number 8/2023SG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Patrick Camilleri in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Illona wife of Vincent Borg Carbott (ID 354449M) and Olivia widow of Joseph Brincat (ID 576945) vs Patrick Camilleri (ID 134365M), filed before the Rural Leases Control Board on

2023, ir-rikorrenti Illona mart Vincent Borg Carbott (KI 354449M) et talbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord jogħġbu jordna l-awment fil-kera tar-raba' ta' ċirka 2.8 tomna, mill-artijiet Ta' Koppi fil-limiti tas-Siġġiewi fis-somma ta' €1,200 u/jew somma oħra verjuri kif stabbilita minn dan il-Bord għall-perjodu ta' tmien snin u dan taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha li dan il-Bord jogħġbu xieraq u opportun, b'riżerva għal kull azzjoni kosituzzjonali li talvolta jistgħu jintavolaw l-istess rikorrenti jekk l-istima tar-raba' u l-kmamar fis-suq mhijiex gradevoli għalihom għaliex ma tkunx stmata skont is-suq liberu.

Rikorrenti: 67, St Mary Street, Tas-Sliema

Intimat- 3, St James Street, Is-Siġġiewi

Ir-rikors fl-ismijiet Illona Borg Carbott et vs Patrick Camilleri, Rikors numru 8/2023SG, jinsab differit għall-14 ta' Settembru, 2023, fit-8.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Awwissu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the 8th May, 2023, the applicants Illona wife of Vincent Borg Carbott (ID 354449M) et requested with respect this Honourable Board to order the increase in the rent of the land of circa 2.8 tumoli, from the lands Ta' Koppi in the limits of Siġġiewi in the sum of €1,200 and/or other correct sum as established by this Board for a period of eight years and this under all those terms and conditions that this Board deems fit and opportune, reserving any constitutional action that may be filed by the same applicants if the valuation of the fields and rooms in the market is not gratuitous to them because it is not valued according to the free market.

Applicants: 67, St Mary Street, Tas-Sliema

Notification: 3, St James Street, Siġġiewi

The application in the names Illona Borg Carbott et vs Patrick Camilleri, Application number 8/2023SG, has been postponed to be heard on the 14th September, 2023, at 8.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 1st September, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1755

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Lulju, 2023, mill-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Ilona Borg Carbott et vs Mansweta Galea, Rikors numru 9/2023SG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Mansweta Galea a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Illona mart Vincent Borg Carbott (KI 354449M) u Olivia armla minn Joseph Brincat (KI 576945) vs Mansweta Galea (KI 605263M), ippreżentat fil-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba', fit-8 ta' Mejju, 2023, ir-rikorrenti Illona mart Vincent Borg Carbott (KI 354449M) et talbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord jogħġbu jordna l-awment fil-kera tar-raba' ta' ċirka 9 tomniet, mill-artijiet Ta' Manduca fil-limiti tas-Siġġiewi fis-somma ta' €3,600 u/jew somma oħra verjuri kif stabbilita minn dan il-Bord għall-perjodu ta' tmien snin u dan taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha li dan il-Bord jogħġbu xieraq u opportun, b'riżerva għal kull azzjoni kosituzzjonali li talvolta jistgħu jintavolaw l-istess rikorrenti jekk l-istima tar-raba' u l-kmamar fis-suq mhijiex gradevoli għalihom għaliex ma tkunx stmata skont is-suq liberu.

Rikorrenti: 67, St Mary Street, Tas-Sliema

Intimata: 53, Creola, Triq Għar Mirdum, Ħad-Dingli

By means of a decree of the 4th July, 2023 of the Rural Leases Control Board, in the records of the Application in the names Illona Borg Carbott et vs Mansweta Galea, Application number 9/2023SG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mansweta Galea in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Illona wife of Vincent Borg Carbott (ID 354449M) and Olivia widow of Joseph Brincat (ID 576945) vs Mansweta Galea (ID 605263M), filed before the Rural Leases Control Board on the 8th May, 2023, the applicants Illona wife of Vincent Borg Carbott (ID 354449M) et requested with respect this Honourable Board to order the increase in the rent of the land of circa 9 tumoli, from the lands Ta' Manduca in the limits of Siġġiewi in the sum of €3,600 and/or other correct sum as established by this Board for a period of eight years and this under all those terms and conditions that this Board deems fit and opportune, reserving any constitutional action that may be filed by the same applicants if the valuation of the fields and rooms in the market is not gratuitous to them because it is not valued according to the free market.

Applicants: 67, St Mary Street, Tas-Sliema

Notification: 53, Creola, Triq Għar Mirdum, Ħad-Dingli

Ir-rikors fl-ismijiet Illona Borg Carbott et vs Mansweta Galea, Rikors numru 9/2023SG, jinsab differit għall-14 ta' Settembru, 2023, fit-8.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Settembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The application in the names Illona Borg Carbott et vs Mansweta Galea, Application number 9/2023SG, has been postponed to be heard on the 14th September, 2023, at 8.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 1st September, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
